MALTA

# TRIBUNAL TA' REVIZJONI AMMINISTRATTIVA

## MAGISTRAT DR.

## CHARMAINE GALEA

Seduta tat-23 ta' Marzu, 2015

Rikors Numru. 91/2013

**EmCare 360 Limited (C-53050)**

**Vs**

**Direttur Generali (Taxxa Fuq il-Valur Mizjud)**

It-Tribunal,

Ra r-rikors tas-socjeta' rikorrenti **EmCare 360 Limited** ipprezentat fl-20 ta' Marzu 2013 li permezz tieghu ippremettiet is-segwenti:-

***"DIKJARAZZJONI TAL-FATTI***

- <u>L-Attivitajiet tas-Socjetà Appellanti</u>

*Illi l-attivitajiet tas-socjetà appellanti jikkonsistu fil-provvista ta' servizzi ta' welfare, l-aktar lill-anzjani, liema servizzi huma accessibbli mill-klijenti tas-socjeta' mid-djar taghhom stess permezz ta' mezzi elettronici;*

*Illi permezz ta' ittra datata l-31 ta' Ottubru 2011, is-socjetà appellanti talbet lill-Ministru tal-Finanzi, l-Ekonomija u Investiment sabiex jigi determinat illi s-servizzi minnha provduti jikkostitwixxu f'servizzi ta' welfare ai termini tal-Artikolu 11 tat-tieni parti tal-Hames Skeda tal-Att Dwar it-Taxxa Fuq il-Valur Mizjud [Kapitolu 406 tal-Ligijiet ta' Malta], u sabiex is-servizzi provduti mill-istess socjetà jigu klassifikati bhala provvisti ezenti bla kreditu.*

- <u>Id-Denunzji tas-Socjetà Appellanti</u>

*Illi waqt li din it-talba kienet ghada qed tigi pprocessata, kien ghalaq iz-zmien stipulat sabiex jintbaghtu l-ewwel zewg denunzi tas-socjetà appellanti, cioe' ghall-perjodi mill-1 ta' Awissu 2011 (01/08/2011) sat-30 ta' Novembru 2011 (30/11/2011) u mill-1 ta' Dicembru 2011 (01/12/2011) sad-29 ta' Frar 2012 (29/02/2012);*

*Dawn id-denunzji gew ippreparati a bazi tal-fatt illi, f'dak iz-zmien, is-servizzi tas-socjetà appellanti kienu ghadhom ma gewx dikjarati ezenti stante li, f'dan il-perijodu, l-istess socjetà ma kienitx ghada maghrfa dwar id-decizjoni finali tal-Ministru tal-Finanzi tal-Finanzi, l-Ekonomija u Investiment dwar il-klassifikazzjoni tas-servizzi bhala ezenti bla kreditu. Ghalhekk, giet indikata fid-denunzja illi l-imsemmija socjetà kellha d-dritt ghal kreditu ta' input tax;*

- <u>Id-Determinazzjoni tal-Ministru tal-Finanzi</u>

*Illi permezz ta' ittra datata 17 ta' Mejju 2012 [kopja hawn annessa u mmarkata bhala dokument '**EC1**'], il-Ministru tal-Finanzi tal-Finanzi, l-Ekonomija u Investiment, laqa' t-talba mressqa mis-socjetà appellanti fejn iddetermina illi s-servizzi li kienu ser jigu provvisti mill-istess, kif ukoll il-bejgh ta' prodotti elettronici relatati ma dawn is-servizzi, huma ezenti bla kreditu;*

*Illi, in vista' ta' din id-decizjoni, is-socjetà appellanti ma baqatx aktar eligibbli ghall-kreditu ta' input tax. Ghaldaqstant, minn dak in-nhar, is-socjetà appellanti ma rkuppratx l-input tax. Inoltre, meta giet notifika b'din id-decizjoni, hija hadet il-passi kollha sabiex tinforma d-Dipartiment tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud li kienet qed **<u>tirrinunzja</u>** ghall-input tax li kien gie indikat bhala dovut fiz-zewg denunzi fuq imsemmija **<u>qabel</u>** in-notifika tad-decizjoni tal-Ministru koncernat. Dan ghamlitu permezz ta' ittra indirizzata lid-Direttur Generali (Taxxa fuq il-Valur Mizjud) datata 6 ta' Gunju 2012 [kopja hawn annessa u mmarkata bhala dokument '**EC2**'].*

- <u>L-Istima tad-Dipartiment tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud u l-Penali Relatati</u>

*Illi wara li ntbaghtet l-ittra datata 6 ta' Gunju 2012 fuq riferit, id-Dipartiment tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud hareg zewg stimi t-tnejn datati l-21 ta' Awissu 2012 [kopji hawn annessi u mmarkati bhala dokumenti '**EC3**' u '**EC4**'] fejn gie indikat li s-socjetà appellanti kellha thallas penali fl-ammont ta' hames telef u mitejn ewro sitta u erbghin centezmu [€5,200.46], rapprezentanti ghaxra fil-mija tal-input tax li gie ddikjarat mis-socjetà fl-ewwel zewg denunzji minnha prezentat.*

- *<u>Il-Kontestazzjoni imressqa mis-Socjetà Appellanti</u>*

*Illi permezz ta' ittra datata 5 ta' Settembru 2012 [kopja hawn annessa u mmarkata bhala dokument '**EC5**'], Mark Grech ta' Deloitte Services Limited kiteb ghan-nom tas-socjetà appellanti lid-Direttur Generali (Taxxa fuq il-Valur Mizjud) - hawn appellat - fejn gibdet l-attenzjoni tal-istess ghall-ezistenza ta' skuzanti ragonevoli ghan-"nuqqas" da parti tas-socjetà appellanti li wasslet ghall-imposizzjoni tal-penali fuq imsemmija;*

*F'din l-ittra, is-socjetà appellanti ppremettiet li hija kienet kostretta li tiddikjara l-input tax fl-ewwel zewg denunzji taghha peress li, f'dak iz-zmien, ma kinitx konxja tad-decizjoni tal-Ministru tal-Finanzi tal-Finanzi, l-Ekonomija u Investiment illi s-servizzi provduti mill-istess kienu ezenti bla kreditu. Ghaldaqstant, huwa evidenti li tali dikjarazzjoni ma saritx konsegwenza ta' xi prassi abbussiva, frodi jew motivazzjoni ohra simili;*

*In vista tal-premess, id-Direttur Generali appellat gie ghalhekk mitlub sabiex jiddetermina illi s-sitwazzjoni odjerna taqa' taht l-Artikolu 42(1) tal-Att Dwar it-Taxxa fuq il-Valur Mizjud, in vista tal-iskuzanti ragonevoli fuq riferiti;*

*Illi sussegwentement, is-socjeta' appellanti rceviet ittra datata 19 ta' Frar 2013 [kopja hawn annessa u mmarkata dokument '**EC6**'] mid-Dipartiment tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud, fejn giet infurmata illi l-oggezzjoni taghha giet irrifjutata.*

***<u>L-APPELL TAS-SOCJETÀ APPELLANTI</u>***

*Illi s-socjetà esponenti hasset ruhha aggravata bl-istimi u l-penali imposti u ghaldaqstant qed tinterponi dan l-appell mill-istess;*

*Illi l-aggravji tas-socjetà esponenti huma cari u manifesti u jikkonsistu fis-segwenti:*

*Is-subartiklu (1)(a) tal-Artikolu 42 tal-Att Dwar it-Taxxa Fuq il-Valur Mizjud tipprovdi illi: "l-ebda penali amministrattiva ma ghandha tkun dovuta minn persuna ghal xi nuqqas jekk dik il-persuna turi li jkun hemm **<u>skuzanti ragonevoli</u>** ghal dak in-nuqqas".*

*Fic-cirkostanzi odjerni, kif già nghad, is-socjeta' appellanti, fiz-zmien meta saru dovuti d-denunzi rilevanti, **<u>ma kienitx u ma setghatx tkun</u>** konxja tad-determinazzjoni tal-Ministru tal-Finanzi tal-Finanzi, l-Ekonomija u Investiment li s-servizzi provvisti minnha kienu ser ikunu ezenti bla kreditu;*

*Ghalhekk, sakemm ma kienitx konxja ta' tali determinazzjoni, is-socjeta' appellanti kienet ghada taqa' taht ir-regim generali tal-Att Dwar il-Valur Mizjud, u cioe', illi kienet eligibbli ghall-kreditu tal-input tax;*

*Tant hu hekk li, kif kienet mgharfa bid-decizjoni tal-Ministru tal-Finanzi tal-Finanzi, l-Ekonomija u Investiment, talbet korrezzjoni tad-denunzi. Ghaldaqstant, l-agir tas-socjetà appellanti zgur ma jistax jigi kwalifikat bhala xi prassi abbussiva;*

*Skond id-Direttur Generali tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud fl-ittra tieghu datata 19 ta' Frar 2013 [dokument "**EC6**"], is-socjetà appellanti missha l-ewwel ottjeniet determinazzjoni mill-Ministru tal-Finanzi tal-Finanzi, l-Ekonomija u Investiment, imbaghad bdiet tipprovdi s-servizzi li ghalihom kienet giet inkorporata. Izda, b'kull dovut rispett, tali rakkommandazzjoni huwa ghal kollox insostenibbli.*

*........*

***IT-TALBIET TAS-SOCJETÀ APPELLANTI U R-RIMEDJU MITLUB***

*Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, is-socjetà esponenti filwaqt li taghmel referenza ghall-provi kollha rizultanti mill-atti processwali u ghall-provi kollha producibbli quddiem dan l-Onorabbli Tribunal, titob li, prevja li jinghataw id-dikjarazzjonijiet u l-provvedimenti kollha opportuni, tigi annullata in toto d-decizjoni tad-Direttur Generali (Taxxa fuq il-Valur Mizjud) ikkomunikata permezz tal-ittra tieghu tad-19 ta' Frar 2013, inkluz it-tnehhija ta' kull penali amministrattivi imposti fuq is-socjetà esponenti fl-ammonti ta' €2,689.62 u €2,510.84, hemm imsemmija, bl-ispejjez a karigu tal-appellat."*

Ra ir-risposta tal-intimat **Direttur Generali (Taxxa Fuq il-Valur Mizjud)** ipprezentata fl-10 ta' April 2013 li permezz taghha eccepixxa s-segwenti:-

*"*

1. *Illi s-soċjeta' appellanti kienet inkorporata ai fini tal-Kap 386 tal-Liġijiet ta' Malta fit-3 ta' Ġunju 2011. Kopja taċ-ċertifikat tar-reġistrazzjoni hawn annessa u mmarkata bħala Dok A;*

2. *Illi s-soċjeta' appellanti irreġistrat ai termini tal-Kap 406 fl-1 ta' Awwissu 2011 u ddikkjarat li se tibda tagħti s-servizzi tagħha mill-1 ta' Awwissu 2011. Kopja tar-reġistrazzjoni hija hawn annessa u mmarkata bħala Dok B*

3. *Illi l-appellanti fil-31 ta' Ottubru 2011 kitbet lill-Ministru tal-Finanzi, l-Ekonomija u l-Investiment fejn talbitu japprova li l-istatus tagħha vis-a-vis l-Kap 406 li jkun ai termini tal-artklu 11(4) tat-Tieni Partita tal-5 Skeda tal-istess Kap ċitat. Li din it-talba kellha tkun milqugħha kien ifisser li t-transazzjonijiet tal-appellanti kellhom ikunu bħala eżenti mingħajr kreditu. Kopja tal-ittra hija hawn annessa u mmarkata bħala Dok C;*

4. *Illi fit-23 ta' April 2012, l-appellanti reġgħet kitbet lill-Ministru surreferit sabiex tivverifika jekk tali rikjesta imsemmija fil-paragrafu 3 ta' din ir-risposta kinitx se tkun milqugħa jew le. Kopja tal-ittra hija hawn annessa u mmarkata bħala Dok D;*

5. *Illi fis-17 ta' Mejju 2012 l-appellanti kienet infurmata mill-Ministru tal-Finanzi li fuq parir li ngħatalu kien qed jilqa t-talba tagħha. Kopja tal-ittra hija hawn annessa u mmarkata bħala Dok E;*
6. *Illi l-appellat, fit-13 ta' Ġunju 2012 kiteb lis-soċjeta' appellanti sabiex tipprovdi l-kotba tan-negozju sabiex ikun jista' jibda investigazzjoni; Kopja tal-ittra hija hawn annessa u mmarkata bħala Dok F;*

7. *Illi l-appellanti fis-6 ta' Ġunju 2012 kitbet lill-appellat sabiex tikkoreġi d-denunzji tagħha. Kopja tal-ittra hija hawn annessa u mmarkata bħala Dok G;*

8. *Illi l-esponenti, fit-3 ta' Lulju 2012 informa lis-soċjeta' appellanti bl-eżitu tal-investigazzjoni. Kopja tal-ittra hija hawn annessa u mmarkata bħala Dok H;*

9. *Illi s-soċjeta appellanti permezz ta' posta elettronika informat lill-appellat li kienet qed taqbel mal-istejjem provviżorji fir-rigward tat-taxxa imma mhux fl-imposizzjoni tal-penali amministrattiva li skont hi kellhom ikunu imposti bir-rata ta' 10% u mhux 20%. L-appellanti irriservat li aktar 'il quddiem tintavola oġġezzjoni sabiex tinħafer il-multa amministrattiva. Kopja tal-ittra hija hawn annessa u mmarkata bħala Dok I;*

10. *Illi l-appellat qassam l-istejjem lill-appellant fil-25 ta' Awwissu 2012. Kopja tal-AR Card hawn annessa u mmarkata bħala Dok J;*

11. *Illi fil-5 ta' Settembru 2012 l-appellanti intavolat ittra ta'oġġezzjoni. Kopja tal-ittra hija hawn annessa u mmarkata bħala Dok K;*

12. *Illi l-appellat informa lill-appellanti permezz ta' ittra ddatata 19 ta' Frar 2013 li ma kienx se jilqa' l-oġġezzjoni tagħha. Kopja tal-ittra hija hawn annessa u mmarkata bħala Dok L.*

*Kunsiderazzjonijiet Legali*

a. *Illi jingħad bir-rispett illi s-soċjeta' appellanti llum ma tistax timputa kulpa lill-esponenti għad-deċiżjonijiet żbaljati li ħadet. Imputat sibi. Mill-atti jirriżulta bl-aktar mod limpidu li l-appellant kiteb lill-Ministru tal-Finanzi tlett xhur wara li beda l-attivita' ekonomika tiegħu u l-appellat ma kien fadallu l-ebda triq oħra ħlief dik li japplika l-liġi, u kif fil-fatt għamel meta ma laqax it-talba fl-ittra t' oġġezzjoni tal-appellanti.*

b. *Illi di fatti l-appellat ma jistax jittollera li l-appellanti tieħu l-liġi b'idejha u wara li tkun għamlet ta' rasha titlob bi dritt illi l-penali imposti ope legis jinħafru. Jiġi ribadit illi l-esponenti wara li kkonsidra ċċ-cirkostanza tal-każ iddeċieda kif kellu kull dritt li jagħmel u wara li ta r-raġunijiet dovuti infroma lill-appellanti li ma kienx se jaċċedi għat-talbiet tagħha dwar maħfra tal-penali tal-appell in eżami. Ikompli jiġi ribadit li hija prerogattiva tal-appellat illi jiddeċiedi jekk tali penali jiġux imposti jew le. Din hija deċiżjoni amministrattiva msejsa fuq is-saltna tad-Dritt u mhux imposta b'xi mod arbitrarju kif jirriżulta fil-każ de quo agimur.*

c. *Illi l-esponenti kien legalment korrett fil-konfront tal-appellanti u mexa skrupolożament ai termini tal-Liġi meta applika l-artiklu 37 (2) u kwindi ma jistax jitqies illi kien skorrett fil-konfront tal-appellanti bid-deċiżjoni li ħa li minnha qiegħed isir l-appell in diżamina;*

*Għaldaqstant id-Direttur Ġenerali filwaqt li jirriserva d-dritt li jippreżenta xhieda u/jew noti oħra jekk ikun hemm bżonn waqt it-trattazzjoni tar-rikors, jitlob bir-rispett lil dan l-Onorabbli Tribunal li għar-raġunijiet suesposti, jogħġbu jiċħad dan ir-rikors."*

Sema' x-xhieda bil-gurament ta' Roland Cachia,[1] ta' Mark Grech,[2] u ta' Albert Galea;[3]

Ra d-dokumenti kollha ipprezentati mill-partijiet;

Ra li r-rikors thalla ghal-lum ghas-sentenza.

**Ikkunsidra:**

Illi s-socjeta` rikorrenti hassitha aggravata bid-decizjoni tad-Direttur intimat ikkomunikata lilha permezz ta' ittra datata 19 ta' Frar 2013 li kienet tghid is-segwenti:-

---

[1] A fol. 52 sa 55
[2] A fol. 57 sa 60
[3] A fol. 62 sa 64 u 68 sa 69

***"Reference is made to an objection letter sent on your behalf to Mr. Mark Grech from Deloitte Services Limited.***

***After examining your case, I regret to inform you that the reason to waive off the Administrative penalty for the assessments raised in tax periods 01.08.11 – 30.11.11 and 01.12.11 – 29.02.12 is not considered valid because the company should have sought the approval of whether the activity is 'exempt without credit' or not before starting operating in that economic activity rather than during or after.***

***However, if aggrieved by this decision, you may lodge an appeal as per Art 43 & Art 46 of the VAT Act (1998) and upon a payment."***[4]

Illi s-socjeta` rikorrenti ressqet bhala xhieda taghha lil **Roland Cachia,** *general manager* tal-Kumpanija rikorrenti fejn stqarr li l-Kumpanija kienet giet iffurmata fit-3 ta' Gunju 2011 fejn ai fini ta' taxxa tal-VAT kienet taqa' taht l-artikolu 10 tal-Kapitolu 406 tal-Ligijiet ta' Malta (Att Dwar it-Taxxa Fuq il-Valur Mizjud) li bazikament ifisser li setghet titlob il-VAT lura. Nel frattemp pero il-Kumpanija hadet decizjoni li taghmel rikjesta lill-Ministru tal-Finanzi biex il-Kumpanija tkun *exempt without credit*. Dan sar billi fil-31 ta' Ottubru 2011 inkitbet ittra lill-Ministru biex il-Kumpanija tigi registrata taht artikolu 11 flok artikolu 10. Fis-17 ta' Mejju 2012 ix-xhud jispjega li rcevew ittra minghand il-Ministru li l-Kumpanija kienet giet accettata bhala *exempt without credit*. Sussegwentement, u cioe fis-6 ta' Gunju 2012 il-Kumpanija kitbet lid-Dipartiment tal-VAT fejn infurmawhom li l-VAT *returns* li l-Kumpanija kienet lahqet issottomettiet qabel inharget l-ittra tas-17 ta' Mejju 2012 riedu jigu mibdula biex b'hekk id-Dipartiment jigi li m'ghandu jaghtiha xejn u jghid li fil-verita` qatt ma rcevew l-ebda hlasijiet lura minghand id-Dipartiment. Sussegwentement id-Dipartiment tal-VAT kien ippenalizza lill-Kumpanija rikorrenti pero` l-istess penali kienu tnaqqsu bin-nofs wara li l-Kumpanija rikorrenti appellat mill-istess penali pero l-Kumpanija baqghat tishaq li hija mxiet mal-ligi u ma setghetx taghmel l-ebda haga ohra u kwindi ma kellha tigi mposta l-ebda penali amministrattiva.

[4] Dok EC6 a fol. 15

Is-socjeta` rikorrenti pproduciet ukoll lil **Mark Grech**, direttur ma’ Deloitte Services Limited u cioe l-*advisors* tas-socjeta` rikorrenti. Ix-xhud spjega li l-ewwel perjodu ta’ VAT tas-socjeta` rikorrenti kien sa Novembru 2011 u peress li l-Kumpanija kienet qed taghti servizz innovattiv fil-qasam mediku permezz ta’ affarijiet elettronici huma ma hassewx li l-istess xoghol kien ezenti mill-VAT. Nel frattemp pero saret talba ufficjali lill-Ministru tal-Finanzi biex is-servizzi li toffri s-socjeta` rikorrenti ikunu ezenti mill-VAT. Peress li meta wasal iz-zmien li riedet tintbaghat l-ewwel denunzja tal-VAT, u cioe fil-15 ta’ Jannar 2012, ma kienx ghad hemm risposta minghand il-Ministru, huwa kien ta parir lis-socjeta` rikorrenti biex idahhal l-istess denunzja taht id-*default rule* u cioe li wiehed jiccargja l-VAT u jikklemja l-VAT lura. L-istess gara meta giet biex tigi sottomessa d-denunzja ghall-perjodu li kien jaghlaq fil-15 ta’ April 2012. Sussegwentement inharget l-ezenzjoni u ghalhekk is-socjeta` rikorenti talbet aggustament fiz-zewg *returns* li kienet lahqet issottomettiet mad-Dipartiment tal-VAT fejn infurmatu li ma kinitx qed titlob izjed ir-rifuzjoni tal-VAT. Pero gara li giet imposta penali awtomatika ta’ 10%.

Illi d-Direttur intimat ipproduca lil **Albert Galea**, ufficjal adett mad-Dipartiment tal-VAT li jirrispondi ghall-oggezzjonijiet li jibghatu t-*tax payers* ghall-multi li jkunu wehlu. Jispjega illi sta ghal min japplika biex jara li l-attivita` li jkun se jaghmel tkunx ezenti mill-kreditu jew le. Huwa stqarr illi s-socjeta` rikorrenti setghet tivverifika minn qabel jekk is-servizzi li kienet se toffri kinux ezenti mill-VAT jew le u mhux l-ewwel tibda ticcargja l-VAT u mbaghad titlob ghall-ezenzjoni. Jispjega li wara li harget l-ezenzjoni mill-Ministru u applikaw il-ligi fejn tghidlek li jekk taghmel *over declaration* tal-input VAT ghandek, fil-kaz ta’ korrezzjoni, imposizzjoni ta’ multa ta’ ghaxra fil-mija (10%) fuq dak l-input VAT. Ix-xhud jikkonferma li s-socjeta` rikorrenti, ghalkemm kienet ikklejmjat il-VAT, fil-fatt qatt ma thallset lura tali VAT. Jispjega wkoll illi m’hemm xejn irregolari illi Kumpanija tibdel l-istruttura taghha *vis-à-vis* id-Dipartiment minn wahda li tikklejmja l-VAT ghal wahda ezenti mill-VAT.

Illi maghmul dan ir-riassunt tax-xhieda prodotti, it-Tribunal se jinvesti issa l-mertu proprju tar-rikors u cioe is-socjeta` rikorrenti setghetx tibbenefika minn

Artkolu 42 (1) (a) tal-Att Dwar it-Taxxa fuq il-Valur Mizjud li jipprovdi s-segwenti:-

***"minkejja d-disposizzjonijiet ta' l-artikoli 37 sa 41, inkluzi, ta' dan l-Att ebda penali amministrattiva ma ghandha tkun dovuta minn pesuna ghal xi nuqqas jekk dik il-persuna turi li jkun hemm <u>skuzanti ragonevoli</u> ghal dak in-nuqqas."***

Illi pero` dan l-istess artikolu jghid ukoll illi *" (a) il-fatt li ma jkunx hemm fondi biżżejjed mnejn titħallas xi taxxa dovuta; jew (b) meta titqiegħed fiduċja fuq xi persuna oħra sabiex din twettaq biċċa xogħol, il-fatt li jkun hemm dik il-fiduċja jew xi dewmien jew ineżattezzi mill-persuna li jkollha l-fiduċja, ma jitqisux li huma skużanti raġonevoli."*

Illi pero fil-kaz odjern l-ebda skuza ta' dan it-tip ma giet sollevata mis-socjeta` rikorrenti. Dak li qed issostni hu li hija mxiet mal-ligi u ma setghet taghmel l-ebda haga ohra hlief li tissottometti d-denunzji tal-VAT taht ir-regim li kienet originarjament irregistrat ghalih sakemm harget l-ezenzjoni mill-Ministru tal-Finanzi.

Illi da parti tieghu id-Direttur intimat qieghed jopponi li din tammonta ghal skuzanti ragjonevoli peress li qieghed jishaq illi s-socjeta` rikorrenti kien messha ghamlet l-ezercizzju biex tara hix ezenti jew le qabel ma bdiet topera u toffri s-servizzi taghha.

Illi fir-rigward tal-kuncett ta' **<u>skuzanti ragjonevoli</u>** l-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) fis-sentenza fl-ismijiet ***JL & Sons Limited v. Il-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud***, Appell Nru. 2/09 deciza fid-29 ta' Mejju 2009, osservat illi"*biex il-persuna registrata tiskansa ruhha mis-sanzjoni tal-penali amministrattiva mahsuba bl-Artikolu 38 ta' l-Att, hi kien jehtigilha tiddimostra illi kien hemm qaghda ta' 'skuza ragonevoli' (Artikolu 42) li zammitha milli tottempera ruhha kif imiss ma' l-obbligu hekk impost fuqha mil-ligi li tissottometti d-denunzji fiz-zmien prefiss. Ta' min jinnota illi l-ligi ma tiddefinix l-espressjoni "skuza ragonevoli". B'dan ma hemm xejn illogiku in kwantu l-accertament tar-ragonevolezza ta' l-iskuza hu dipendenti mic-cirkostanzi partikolari tal-fatt ezaminat, sija jekk in primis mill-Kummissarju u sija jekk mill-Bord warajh, u mhux minn xi prekoncett iffissat. ... Ghalkemm il-fissazzjoni ta' terminu ghall-*

*prezentata tad-denunzji ma jidherx li jeskludi li tista' tkun rikonoxxuta qaghda ta' skuza ragonevoli, certa w obbjettiva, li timpedixxi lill-persuna registrata mill-osservanza ta' dak it-terminu, dik l-istess skuza ragonevoli jrid jkollha mill-karatteristika ta' impediment legittimu jew ta' kawza gusta indipendenti mill-volontà tas-soggett. Jekk din il-karatteristika ma tirrizultax, il-qaghda ma tistax hlief tipprezenta ruhha bhala wahda ta' kondotta volontarja u kolpevoli dovuta ghall-inkurja u ghan-negligenza imputabbli lis-soggett obbligat li jirrispetta t-termini legali dettati fil-ligi. F'kaz bhal dan is-soggett ma jkunx jista' jilmenta minn xejn ghax 'qui sua culpa damnum sentit non videtur damnum sentire'.*

Illi issa fil-kaz in ezami, Mark Grech, xehed illi da parti taghhom bhala *advisors* tas-socjeta` rikorrenti kienu hassew li s-socjeta` kellha tibda ticcargja l-VAT u mbaghad tikklejmja l-istess VAT lura. Kien biss wara ftit xhur li bdiet topera l-istess socjeta` li kien hemm ripensament u intalbet l-ezenzjoni lill-Ministru tal-Finanzi.

Illi t-Tribunal japprezza li kwestjonijiet rigwardanti interpretazzjoni ta' ligi, specjalment dik ta' indoli fiskali, hi dejjem difficli u problematika, anke ghal min abitwalment, jew professjonalment, jokkupa ruhu minnha. Huwa minnu wkoll, kif xehed Albert Galea, li m'hemm xejn x'josta socjeta` milli tvarja r-regim fiskali taghha ghal dak li ghandu x'jaqsam VAT fi kwalunkwe perjodu tal-operazzjoni taghha. Pero` dan imbaghad jista' jimporta aggustament f'denunzji li jattiraw maghhom penali ai termini tal-artikolu 37 tal-Att.

U dan kien proprju li gara fil-kaz in ezami ghaliex ai termini tal-artikolu su citat *" Meta persuna tagħmel korrezzjoni ta' dikjarazzjoni bin-nieqes jew **dikjarazzjoni biż-żejjed kif hemm imsemmi fis-subartikolu (1) skont id-disposizzjonijiet tal-artikolu 28(1)** qabel ma tkun ġiet notifikata bi stima proviżorja għal dak iż-żmien, dik il-persuna tkun suġġetta għal penali amministrattiva f 'ammont ekwivalenti għal **għaxra fil-mija** mit-total ta' –*

*(a) l-eċċess, jekk ikun hemm, tal-ammont korrett ta' output tax fuq l-ammont ta' output tax kif dikjarat fid-denunzja;*

*u*

*(b) l-eċċess, jekk ikun hemm, tat-tnaqqis kif dikjarat fid-denunzja fuq l-ammont korrett tat-tnaqqis."*

Illi fil-fatt artikolu 28 (1) tal-Att jghid is-segwenti:-

*" Bla ħsara għas-subartikolu (2), persuna reġistrata taħt l-artikolu 10 li tkun għamlet dikjarazzjoni mhux korretta f'denunzja mibgħuta lill-Kummissarju għal żmien ta' taxxa, tista' tikkoreġi d-dikjarazzjoni billi tibgħat dik il-formola hekk kif il-Ministru jista' b'regolamenti jippreskrivi. Id-disposizzjonijiet talartikolu 27(4) dwar denunzji tat-taxxa għandhom jgħoddu mutatis mutandis għat-twassil tal-imsemmija formola."*

Illi jirrizulta illi d-denunzji in kwistjoni kellhom jigu irrangati mhux ghaliex is-socjeta` ghamlet xi zball meta imliethom imma ghaliex wara li gew sottomessi lid-Dipartiment inharget l-ezenzjoni tal-Ministru tal-Finanzi, liema ezenzjoni harget kwazi seba' xhur wara li ntalbet.

Illi mir-rikors promutur u mid-dokumenti esebiti jirrizulta illi s-servizzi offruti mis-socjeta` rikorrenti jikkonsistu fil-provvista ta' servizzi ta' *welfare*, specifikatament *"to implement and deliver electronic and mobile tele-health, tele-care and health care information services to private and public entities and also to individuals in the community both in Malta as well as overseas."*[5] Dawn l-imsemmija servizzi, fil-fehma tat-Tribunal jaqghu taht artikolu 11 (4) tat-Tieni Parti ta' Skeda Hamsa tal-Kapitolu 406 tal-Ligijiet ta' Malta u cioe: *"Il-provvista ta' servizzi tal-welfare, magħdudin servizzi mogħtija minn djar għal persuni anzjani, u servizzi għall-protezzjoni u ħarsien tat-tfal u żgħażagħ mogħtija minn istituzzjoni tal-gvern jew minn istituzzjoni jew organizzazzjoni li tingħata għarfien mill-Kummissarju bħala istituzzjoni li ma tagħmilx profitt jew approvata mill-Ministru għall-għanijiet ta' dan il-paragrafu bħala istituzzjoni li lattivitajiet tagħha jaqgħu fi ħdan il-politika soċjali u ta' welfare tal-gvern"* liema servizzi huma ezenti mit-taxxa tal-VAT bla kreditu.

Illi dan it-Tribunal, kif gia intqal iktar 'il fuq, jifhem li wiehed jista' jkollu dilemma dwar l-interpretazzjoni tal-ligi, pero huwa tal-umli opinjoni illi jekk kien hemm xi dubju, kien ikun ahjar li dan gie kjarifikat fil-bidu tal-operazzjoni

[5] Ara Dok EC2 a fol. 6

tas-socjeta` rikorrenti milli wara li l-istess socjeta` bdiet toffri s-servizzi taghha. Illi li kieku s-socjeta` rikorrenti, jew il-konsulenti taghha, fittxew gwida qabel bdew l-operazzjoni kummercjali kienu jevitaw li jattiraw tali penali. Illi t-Tribunal josserva illi ghalkemm l-ittra mibghuta lill-Ministru tal-Finanzi hija miktuba b'tali mod li taghti x'tifhem li s-socjeta` attrici kienet ghadha ma bdietx toffri s-servizzi taghha, fil-verita` l-istess socjeta` kienet diga bdiet toffri l-istess servizzi u dan kif jixhdu d-denunzji tal-VAT.

Pero, min-naha l-ohra, dan it-Tribunal ma jistghax jiskarta l-fatt illi s-socjeta` rikorrenti kitbet lill-Ministru tal-Finanzi biex tikseb l-ezenzjoni tal-VAT fuq is-servizzi li toffri fil-31 ta' Ottubru 2011 u rceviet risposta pozittiva biss fis-17 ta' Mejju 2012[6] wara sollecitazzjoni mill-istess socjeta` permezz ta' ittra datata 23 ta' April, 2012.[7]

Illi ghaldaqstant dan it-Tribunal huwa tal-fehma illi ghandu jkun hemm temprament fl-ammont ta' penali amministrattivi imposti mid-Direttur intimat. Illi jirrizulta illi z-zewg denunzji sottomessi u li ntalab l-aggustament taghhom jkopri zewg perjodi u cioe wahda mill-1 ta' Awissu 2011 sat-30 ta' Novembru 2011 u ohra mill-1 ta' Dicembru 2011 sad-29 ta' Frar 2012. Illi dan it-Tribunal jirrileva illi huwa tal-opinjoni illi fir-rigward tal-ewwel denunzja, id-Direttur intimat kien korrett meta ra li ma kienx hemm skuzanti ragjonevoli ghall-aggustament mitlub mis-socjeta` rikorrenti. Pero fir-rigward tat-tieni denunzja jigi rilevat illi s-socjeta` rikorrenti kienet hadet il-passi necessarji biex titlob l-ezenzjoni, liema ezenzjoni eventwalment giet approvata mill-Ministru tal-Finanzi diversi xhur wara. U allura, dan it-Tribunal huwa tal-fehma illi kien hemm skuzanti ragjonevoli ghala intalab l-aggustament fid-denunzja tal-perjodu li ghalaq fid-29 ta' Frar 2012 u kwindi d-decizjoni tad-Direttur intimat li jimponi l-penali amministrattiva ghall-aggustament mitlub ghandha tigi annullata.

---

[6] Dok EC1 a fol. 5
[7] Dok D a fol. 24

**Decide**

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet hawn fuq moghtija, it-Tribunal qieghed jaqta’ u jiddeciedi l-appell interpost mis-socjeta` rikorrenti billi jhassar parzjalment id-decizjoni tad-Direttur Generali intimat datata 19 ta’ Frar 2013 in kwantu ma sabx raguni valida biex tithassar il-penali amministrattiva ta’ elfejn, hames mija u ghaxar ewro u erbgha u tmenin centezmu (€2,510.84) ghall-aggustament fid-denunzja ghall-perjodu ta’ stima ta’ Taxxa fuq il-Valur Mizjud (VAT) mill-1 ta’ Dicembru 2011 sad-29 ta’ Frar 2012.

Bl-ispejjez jibghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------